



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Jannar 2023  
(OR. en)

16265/22  
PV CONS 84  
SOC 700  
EMPL 479  
SAN 673  
CONSOM 357

### **ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)

8 u 9 ta' Diċembru 2022

## WERREJ

### Paġna

1. Adozzjoni tal-aġenda ..... 4

### IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI

#### Deliberazzjonijiet leġislattivi

2. Direttiva dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi..... 4

#### Attivitajiet mhux leġislattivi

3. Semestru Ewropew 2023 ..... 4
- a) L-Istħarriġ Annwali tal-2023 dwar it-Tkabbir Sostenibbli (SATS), ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (AMR), l-abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) u l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro
- b) Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol: Messaġġi Ewlenin tal-EMCO
4. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva..... 5
5. Konklużjonijiet dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol ..... 5

#### Deliberazzjonijiet leġislattivi

6. Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol..... 5

#### Attivitajiet mhux leġislattivi

7. Strateġija Ewropea għall-KURA ..... 5
8. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli ta' kwalità għolja.... 6
9. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: Il-miri ta' Barċellona għall-2030 ..... 6
10. Konklużjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'ekonomiji sfruttati: Fokus fuq il-ġenerazzjoni żagħżuġha ..... 6

#### Deliberazzjonijiet leġislattivi

11. Direttiva dwar it-trattament ugwali (Artikolu 19) ..... 6

### Affarijiet oħra

12.	a)	Proposti leġiżlattivi attwali	
	i)	Deċiżjoni dwar is-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 .....	7
	b)	Aġġornament dwar il-laqgħat tal-Gvern Ċek fl-Ukrajna .....	7
	c)	Il-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar - is-sitwazzjoni attwali.....	7
	a)	(kontinwazzjoni) Proposti leġiżlattivi attwali	
	ii)	Direttiva dwar it-tisħiħ tar-rwol u l-indipendenza tal-korpi tal-ugwaljanza.....	7
	d)	Konferenzi tal-Presidenza .....	7
	e)	Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss.....	7

### SAĦĦA

#### Attivitajiet mhux leġiżlattivi

13.	Akkwist ta' vaċċini kontra l-COVID-19 .....	8
14.	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-prevenzjoni permezz tad-detezzjoni bikrija: Approċċ ġdid tal-UE għall-iskrinjar tal-kanċer li jissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/878/KE .....	8
15.	Konklużjonijiet dwar it-tilqim bħala waħda mill-aktar għodod effettivi għall-prevenzjoni tal-mard u t-titjib tas-saħħa pubblika .....	8

#### Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

16.	Regolament dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa .....	8
17.	Regolament dwar l-istandards ta' kwalità u ta' sikurezza għas-sustanzi ta' oriġini umana maħsubin għall-applikazzjoni umana u li jħassar id-Direttivi 2002/98/KE u 2004/23/KE.....	8

### Affarijiet oħra

18.	a)	Implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Apparat Mediku (MDR) .....	9
	b)	Reviżjoni tal-Leġiżlazzjoni farmaċewtika .....	9
	c)	Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Provi Kliniċi.....	9
	d)	Negozjati għal ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, it-tnejjija u r-rispons għall-pandemiji, kif ukoll emendi komplementari għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) .....	9
	e)	Strateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Saħħa Globali .....	9
	f)	Rapport ta' Tħejjija dwar l-Istat ta' Saħħa .....	10
	g)	Konferenzi tal-Presidenza .....	10
	h)	Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss.....	10
ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill .....			11

\*\*\*

## LAQGĦA TAL-ĦAMIS 8 TA' DIĊEMBRU 2022

### 1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 15453/22.

## IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI


### Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

2. **Direttiva dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi**  15338/1/22 REV 1  
*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill ma approvax l-approċċ ġenerali kif jinsab fid-dokument 15338/1/22 REV 1.

### Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. **Semestru Ewropew 2023**  15071/1/22 REV 1  
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*
- a) **L-Istħarriġ Annwali tal-2023 dwar it-Tkabbir Sostenibbli (SATS), ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (AMR), l-abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) u l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro** 15184/22  
15189/22  
15076/22 + ADD 1  
15180/22  
*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*

Wara preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-pakkett tas-Semestru tal-Ħarifa, il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-Semestru Ewropew 2023 abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza kif jinsab fid-dokument 15071/1/22 REV 1.

- b) **Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol: Messaġġi Ewlenin tal-EMCO** 15081/22  
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-messaġġi ewlenin dwar l-Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol kif jinsabu fid-dokument 15081/22.

4. **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva** 15094/22  
(\*) **+ REV 1 (de)**  
+ ADD 1  
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (j) TFUE)  
*Qbil politiku*

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-"Rakkomandazzjoni dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva" kif jinsab fid-dokument 15094/22.  
Id-dikjarazzjoni mill-Polonja tinsab fl-Anness għal dawn il-minuti.

5. **Konklużjonijiet dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol** 14495/22  
**+ REV 1 (de)**  
+ ADD 1  
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol kif jinsabu fid-dokument 14495/22.  
Id-dikjarazzjoni mill-Polonja tinsab fl-Anness għal dawn il-minuti.

### **Deliberazzjonijiet leġislattivi**

**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

6. **Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol** 14988/22  
*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill approva approċċ ġenerali dwar id-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol kif jinsab fid-dokument 14988/22.

### **Attivitajiet mhux leġislattivi**

7. **Strateġija Ewropea għall-KURA<sup>1</sup>** 15084/22  
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-Istrateġija Ewropea għall-KURA abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza kif jinsab fid-dokument 15084/22.

---

<sup>1</sup> Fil-preżenza tad-Direttur tal-EIGE u tal-President ta' Social Services Europe.

8. **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli ta' kwalità għolja**  14650/22  
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (k) TFUE)  
*Adozzjoni*  
(\*) + ADD 1  
13948/22  
+ REV 1 (de, it, da, el, pt, cs, lv, pl, sk, ro)  
+ COR 1 (fr)  
+ COR 2 (bg)
- Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja kif tinsab fid-dokument 13948/22.  
Id-dikjarazzjonijiet mill-Ungerija u l-Polonja jinsabu fl-Anness għal dawn il-minuti.
9. **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: Il-miri ta' Barċellona għall-2030**  14782/22 + ADD 1  
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (i) TFUE)  
*Adozzjoni*  
(\*) + ADD 1 COR 1  
14785/22  
+ COR 1 (cs)
- Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: Il-miri ta' Barċellona għall-2030 kif tinsab fid-dokument 14785/22.  
Id-dikjarazzjonijiet mill-Ungerija, il-Polonja u Spanja jinsabu fl-Anness għal dawn il-minuti.
10. **Konklużjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'ekonomiji mfixkla: Fokus fuq il-ġenerazzjoni żagħżugħa**  14588/22 + ADD 2  
*Approvazzjoni*
- Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'ekonomiji mfixkla: Fokus fuq il-ġenerazzjoni żagħżugħa kif jinsabu fid-dokument 14588/22.  
Id-dikjarazzjonijiet mill-Ungerija u l-Polonja jinsabu fl-Anness għal dawn il-minuti.


### Deliberazzjonijiet leġislattivi

**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**


11. **Direttiva dwar it-trattament ugwali (Artikolu 19)**  13070/22  
*Rapport ta' progress*

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar id-Direttiva dwar it-trattament ugwali (Artikolu 19) kif jinsab fid-dokument 13070/22.


## Affarijiet oħra

12. a) **Proposti leġislattivi attwali**  
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)
- i) **Deċiżjoni dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023**  13365/22 + COR 1  
*Informazzjoni mill-Presidenza*


Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza dwar id-Deċiżjoni dwar is-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023.

- b) **Aġġornament dwar il-laqgħat tal-Gvern Ċek fl-Ukrajna**   
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza dwar il-laqgħat tal-Gvern Ċek fl-Ukrajna.

- c) **Il-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar - is-sitwazzjoni attwali**   
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar.

- a) **(kontinwazzjoni) Proposti leġislattivi attwali**  
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)
- ii) **Direttiva dwar it-tisħiħ tar-rwol u l-indipendenza tal-korpi tal-ugwaljanza**   
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-Direttiva dwar it-tisħiħ tar-rwol u l-indipendenza tal-korpi tal-ugwaljanza.

- d) **Konferenzi tal-Presidenza**   
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza dwar il-konferenzi tal-Presidenza.

- e) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Żvediża*

## LAQGĦA TAL-ĠIMGĦA 9 TA' DIĊEMBRU 2022

### SAĦĦA

#### Attivitajiet mhux leġiżlattivi

13. **Akkwist ta' vaċċini kontra l-COVID-19<sup>2</sup>** 14607/22  
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-akkwist ta' vaċċini kontra l-COVID-19.

14. **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-prevenzjoni permezz tad-detezzjoni bikrija: Approċċ ġdid tal-UE għall-iskrinjar tal-kanċer li jissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/878/KE** 14770/22  
**(\*) + ADD 1**  
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 168(6) TFUE)  
*Adozzjoni*

Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.  
Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni tinsab fl-Anness għal dawn il-minuti.

15. **Konklużjonijiet dwar it-tilqim bħala waħda mill-aktar għodod effettivi għall-prevenzjoni tal-mard u t-titjib tas-saħħa pubblika** 14771/22  
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet u ddeċieda li dawn għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

#### Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

16. **Regolament dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħha** 14768/22 + COR 1  
*Rapport ta' progress* + COR 1 REV 1  
(ro)

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress.


17. **Regolament dwar l-istandards ta' kwalità u ta' sikurezza għas-sustanzi ta' oriġini umana maħsubin għall-applikazzjoni umana u li jħassar id-Direttivi 2002/98/KE u 2004/23/KE** 14769/22  
*Rapport ta' progress*

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress.

---

<sup>2</sup> Fil-preżenza tad-Direttur tal-ECDC u tad-Direttur Eżekuttiv tal-EMA.

## Affarijiet oħra


18. a) **Implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Apparat Mediku (MDR)**  15520/22  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Kummissjoni li kien biħsiebha tippreżenta emenda mmirata għal dan ir-Regolament fl-ewwel xhur tal-2023 kif ukoll tal-kummenti minn bosta delegazzjonijiet.

- b) **Reviżjoni tal-Leġiżlazzjoni farmaċewtika**  15306/22  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-Leġiżlazzjoni farmaċewtika kif ukoll tal-kummenti minn bosta delegazzjonijiet.

- c) **Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Provi Kliniċi<sup>3</sup>** 15596/22  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża*

- d) **Negozjati għal ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji, kif ukoll emendi komplementari għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005)**  15307/22  
*Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni dwar in-negozjati għal ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji, kif ukoll emendi komplementari għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005).


- e) **Strateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Saħħa Globali**  15308/22  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni* 15585/22

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Saħħa Globali u tal-kumment minn delegazzjoni waħda.

---


<sup>3</sup> Fil-preżenza tad-Direttur Eżekuttiv tal-EMA.

**f) Rapport ta' Tħejjija dwar l-Istat ta' Saħħa**  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

 15309/22  
+ ADD 1





Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-Rapport ta' Tħejjija dwar l-Istat ta' Saħħa.

**g) Konferenzi tal-Prezidenza**  
*Informazzjoni mill-Prezidenza*

 15279/22

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Prezidenza dwar il-konferenzi tal-Prezidenza.

**h) Programm ta' ħidma tal-Prezidenza li jmiss**  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Żvediża*

- 
-  L-ewwel qari
  -  Proċedura legiſlattiva speċjali
  -  Dibattitu pubbliku propost mill-Prezidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
  -  Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
  - (\*) Punt li jista' jintalab vot dwaru
-

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 15453/22**

**Dwar il-punt "B"  
nru 4:**

**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva**

(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (j) TFUE)

*Qbil politiku*

**DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA**

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Polonja ser tinterpreta t-terminu "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8 u 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u termini oħra li fihom it-terminu "ġeneru" bħala li jirreferu għal "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 157(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

**Dwar il-punt "B"  
nru 5:**

**Konklużjonijiet dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol**

*Approvazzjoni*

**DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA**

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Polonja ser tinterpreta l-espressjoni "perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala perspettiva tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8 u 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

**Dwar il-punt "B"  
nru 8:**

**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli ta' kwalità għolja**

(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (k) TFUE)

*Adozzjoni*

## DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fir-*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja*."

## DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fis-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Polonja ser tinterpreta l-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u l-espressjoni "bilanċ bejn il-ġeneri" bħala bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8 u 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Polonja ser tinterpreta espressjonijiet oħra li jinkludu t-terminu "ġeneru" bħala li jirreferu għal "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 157(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

### Dwar il-punt "B" nru 9:

#### **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: Il-miri ta' Barċellona għall-2030**

(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (i) TFUE)  
*Adozzjoni*

## DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tilqa' b'sodisfazzjon l-oġettiv ġenerali tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tipprovdi lill-ġenituri b'kull għodda possibbli biex jinżamm bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. L-Ungerija tirrikonoxxi l-importanza ta' servizzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC) ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli, li jistgħu jikkontribwixxu għall-kondiviżjoni aktar ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura bejn il-ġenituri u jsaħħu wkoll il-parteciġazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

L-Ungerija tqis li huwa importanti li l-prinċipju tas-sussidjarjetà u ċ-ċirkostanzi u l-prattiki nazzjonali differenti tal-Istati Membri jitqiesu fir-rigward tal-ECEC. L-Ungerija temmen li d-dritt għall-għażla tal-ġenituri jrid jiġi rrispettat fir-rigward tal-użu tas-servizzi tal-ECEC.

L-Ungerija tinterpreta r-Rakkomandazzjoni kif ġej: jekk Stat Membru jilħaq il-miri proposti qabel iż-żmien previst, ma jfissirx li ser jimxi awtomatikament għall-kategorija li jmiss biex jilħaq mira oġhla.

Barra minn hekk, l-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fir-*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: Il-Miri ta' Barċellona għall-2030*.

Barra minn hekk, it-test tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: *Il-Miri ta' Barcellona għall-2030* jirreferi għal diversi dokumenti li l-Ungerija diġà ppreżentat dikjarazzjoni nazzjonali għalihom qabel. L-Ungerija żżomm mad-dikjarazzjonijiet nazzjonali kollha tagħha magħmula qabel."

## **DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA**

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Polonja ser tinterpreta t-terminu "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8 u 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u termini oħra li fihom it-terminu "ġeneru" bħala li jirreferu għal "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 157(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

## **DIKJARAZZJONI MINN SPANJA**

"Spanja tilqa' b'sodisfazzjoni l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni bl-għan li tiżgura parteċipazzjoni akbar fis-servizzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC) ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli fl-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari tfaħħar l-isforzi tal-Presidenza Ċeka biex jintlaħaq qbil dwar din l-inizjattiva.

Aħna ninsabu fost il-pajjiżi li tul in-negozjati appoġġaw il-livell għoli ta' ambizzjoni fir-Rakkomandazzjoni, skont il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni. Filwaqt li dan inżamm f'bosta partijiet tat-test, aħna nemmnu li t-test kellu jagħti aktar attenzjoni lill-ħtieġa li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki tal-kura tat-tfal tiġi integrata b'mod effettiv, li jfisser, fost l-oħrajn, li l-ġenituri u l-istati jridu jikkondividu r-responsabbiltà.

F'dan ir-rigward, kwalunkwe referenza fit-test għall-"għażla tal-ġenituri" ma tistax titqies bħala newtrali għall-ġeneru u jista' jkollha konsegwenzi mhux intenzjonati li jiddevjaw mill-perkors lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, peress li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-ġenituri m'għandhomx din il-libertà tal-għażla minħabba l-piż tal-istereotipi tal-ġeneru, ir-rwoli tradizzjonali u n-nuqqas ta' kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet tal-kura bejn in-nisa u l-irġiel, li jrawwem inugwaljanzi u jfixkel il-progress lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Aħna nittamaw li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jqisu dawn il-kunsiderazzjonijiet meta jimplimentaw ir-Regolament."

### **Dwar il-punt "B" nru 10:**

**Konklużjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'ekonomiji mfixkla:  
Fokus fuq il-ġenerazzjoni żagħżugħa  
*Approvazzjoni***

## **DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tilqa' l-objettiv ġenerali tal-konklużjonijiet tal-Kunsill li jappoġġaw lin-nisa f'sitwazzjonijiet diffiċli kkawżati minn kriżijiet, peress li għall-Ungerija hija prijorità għolja li tiġi promossa l-kisba tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u li titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'ekonomiji mfiċkla: fokus fuq il-ġenerazzjoni żagħżugħa.

Barra minn hekk, it-test tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'ekonomiji mfiċkla: fokus fuq il-ġenerazzjoni żagħżugħa jirreferi għal diversi dokumenti li qabel l-Ungerija ppreżentat dikjarazzjoni nazzjonali għalihom. L-Ungerija żżomm id-dikjarazzjonijiet nazzjonali kollha tagħha magħmula qabel."

## **DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA**

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Polonja ser tinterpreta l-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-espressjoni "bilanċ bejn il-ġeneri" bħala bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8 u 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Polonja ser tinterpreta l-espressjonijiet l-oħra li fihom it-terminu "ġeneru" bħala "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1), u l-Artikolu 157(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

### **Dwar il-punt "B" nru 14:**

**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-prevenzjoni permezz tad-detezzjoni bikrija: Approċċ ġdid tal-UE għall-iskrinjar tal-kanċer li jissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/878/KE**  
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 168(6) TFUE)  
*Adozzjoni*

## **DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Il-Kummissjoni tesprimi s-sodisfazzjoni tagħha bil-progress ġenerali u t-titjib maqbul mill-Kunsill fil-proposta ta' kompromess, li jikkostitwixxu pass importanti 'l quddiem għall-iskrinjar tal-kanċer fl-UE meta mqabbel mar-Rakkomandazzjoni tal-2003. B'mod partikolari, il-Kummissjoni hija sodisfatta bl-introduzzjoni ta' tliet tipi ġodda ta' kanċer bħala parti mill-Iskema tal-UE għall-Iskrinjar tal-Kanċer u bir-rikonoxximent tal-objettiv tal-Pjan kontra l-Kanċer biex sal-2025, 90 % tal-popolazzjoni tal-UE li tikkwalifika għall-iskrinjar tal-kanċer ċervikali, kolorettali u tas-sider, jiġu offruti skrinjar.

Madankollu, il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-ambizzjonijiet tal-proposta tagħha tnaqqsu u li l-ambitu tal-iskrinjar rakkomandat safa limitat. Il-Kummissjoni tqis, b'mod partikolari, li kien ikun aħjar jekk kemm il-grupp ta' etajiet estiż rakkomandat fil-proposta għall-iskrinjar tal-kanċer tas-sider kif ukoll ir-referenza rakkomandata, kienu jinżammu għal-livell ta' effikaċja tal-iskrinjar tal-kanċer tal-pulmun u tal-prostata. Bl-istess mod, il-Kummissjoni kienet tkun favur il-limitazzjoni tal-introduzzjoni ta' kriterji u riżervi addizzjonali għall-programmi ta' skrinjar."